MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 399/2014

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija, tmienja u sebghin (23.12.1978) (Dok CZ 1);

2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu tlett itfal u cioe N, nhar l-ghoxrin (20) ta’ Dicembru, elf disgha mija u tmenin (20.12.1980), T nhar it-tletin ta’ Gunju, elf disgha mija sebgha u tmenin (30.06.1987), u S li twieled nhar il-wiehed u tletin (31) ta’ Awissu tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996);
3. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, huma sodisfatti stante :
   i. Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn u sitta (2006) u ghalhekk ilhom aktar minn erba’ (4) snin ma jghixu taht l-istess saqaf filwaqt illi ilhom legalment separati sa mis-sebgha (7) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hdax (07.01.2011) in forza ta’ kuntratt redatt min-Nutar Joseph Abela (Ara l-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok CZ 2’);
   ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, li llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;
   iii. Illi ma hemmx kwistjonijiet dwar manteniment bejniethom;
4. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bhala ‘Dok CZ 3’;
5. Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66n (1) (a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f’Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f’Malta;

Talab, in vista tas-suespost, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat mill-partijiet fit-tlieta u ghoxrin ta’ Dicembru, tas-sena elf disa mija tmienja u sebghin (23.12.1978);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Settembru 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment de facto separati mis-sena 2006 u ilhom legalment separati mis-7 ta’ Jannar 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------